KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 8**

**L-Erbgħa, 4 ta' Diċembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**
Is-Sur Jordy Brincat — Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**08.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**08.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol ġdid li beda l-jum ta' qabel. Din it-talba ma ġietx aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti minħabba li d-data tal-laqgħa kienet ila mill-aħħar seduta li ħarġet. Ġie maqbul unanimament li jkun imniżżel bħala assenti għas-seduta.

**08.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 7)**

**08.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 7.

**08.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 7 ġew approvati unanimament.

**08.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**08.03.01** *Tiżjin tat-toroq*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għat-tiżjin tat-toroq. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €4,802.60. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**08.03.02** *Aluminju u ħġieġ għall-bus shelter fi Triq Tal-Papa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li wara li saru diversi lmenti dwar l-istat tal-bus shelter fi Triq Tal-Papa, inġabru 3 kwotazzjonijiet għall-aluminju u ħġieġ. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €950. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**08.03.03** *Portable welding set*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm bżonn ta' portable welding set billi trid issir manutenzjoni bil-welding fuq il-post. Inġabru 3 kwotazzjonijiet u l-orħos waħda kienet dik A, li tammonta għal €630. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**08.03.04** *Fiberglass flag pole*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal fiberglass flag poles biex jinbidel l-arblu li hemm fir-roundabout tan-naħa ta' San Ġorġ. Ġie deċiż li nagħżlu l-arblu t-twil: dak ta' 40 pied, għalhekk intgħażlet kwotazzjoni A, li tammonta għal €724.30. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**08.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**08.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li, kif ġie diskuss fl-aħħar seduta, il-kumpanija Faces proponew li jsiru 2 bus shelters: Birżebbuġa 2 u Birżebbuġa 3. Il-Kunsill Lokali se jagħmel talba sabiex isiru f'postijiet differenti: Cachia 1572 (in-naħa tal-bini) u Despott 5485. Ġie deċiż li l-kuntrattur nitolbuh ikompli jaħdem fuq il-bus shelters ta' Triq San Patrizju (viċin il-parkeġġ), Triq Ħal Far u Triq il-Qajjenza. Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jagħmel talba oħra lill-kuntrattur dwar bus shelters oħra li ilhom ħafna biex isiru. Il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jirranġa l-bus shelter fi Triq Tal-Papa.

**08.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar it-tender tal-ġonna. Wara diskussjoni libera dwar dan it-tender ġie konkluż li bħala Kunsill se nkomplu bil-proċess li bdejna fl-evalwazzjoni u l-aġġidukazzjoni tal-istess tender. Huwa semma wkoll li l-contracts

manager se tkun qed tagħmel iktar rappurtaġġ fejn jidħol dan it-tender sabiex naraw li qed isir xogħol sew għall-flus li l-Kunsill qed iħallas.

**08.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fl-2016 il-Kunsill kien xtara funtana għal Ġnien l-Indipendenza u xi materjal ieħor relatat ma' dan il-proġett. Fl-2018 il-Kunsill kien għamel talba għal rimborż mill-UIF. Billi għal xi raġuni dan il-proġett ma kienx komplut, fuq parir professjonali dan m'għadux relevanti li dan l-ammont jibqa' jidher fuq il-kotba tal-Kunsill bħala ammont li rridu nirċievu (accrued income).

**08.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Public Works għandhom skema ta' numru ta' bankini li jridu jitranġaw. Huwa spjega li ħarġet policy ġdida min-naħa ta' din l-entità li kull min jitlob għal dan ix-xogħol irid jipprovdi rapport ta' saħħa u sigurtà, imħallas mill-Kunsill. Semma wkoll li ġiet iċċirkolata email lill-kunsilliera kollha bil-kwotazzjonijiet kif ukoll il-persuna li ġiet identifikata biex tagħmel dawn ix-xogħlijiet.

**08.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-Freeport Parking Committee, fejn qal li jixtieq li s-sena d-dieħla waħda mill-prijoritajiet tkun li jkun hemm tim ta' kunsilliera li jaħdmu fuq kunċett ta' kif se jitmexxa dan il-car park. Dan se jsir bil-għan li l-car park jiġi operat kif mixtieq sal-bidu tas-sajf li ġej. Għal din id-diskussjoni se ssir laqgħa f'Jannar u bħala membri se jkun hemm is-Sindku Scott Camilleri, il-Kunsillier Alex Caruana, il-Kunsillier Ivan Abela Grech, il-Kunsillier Karel Zahra, il-Kunsillier Darren Mark Debono, kif ukoll il-Contracts Manager Dr Alessia Psaila Zammit.

**08.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li għadu kemm infetaħ Ġnien l-Indipendenza ftit tal-jiem ilu fejn hemm xi affarijiet li għadhom ma sarux bħal twaħħil ta' kameras, gradi, l-aċċess ta' Triq San Tumas li huwa perikoluż, fost oħrajn.

## 08.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**08.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-development fund. Huwa xtaq rendikont ta' x'hemm bħalissa fid-development fund tal-Awtorità tal-Ippjanar, inklużi l-fondi tal-Freeport allokati għal Birżebbuġa u kif dawn il-fondi ġew allokati għal proġetti pjanati għall-ħames snin li ġejjin. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li sal-bidu t'Ottubru 2024, il-fond għall-ippjanar ta' żvilupp (DPF) marbut mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kien jammonta għal €1,372,217.71. Minn dan l-ammont ġew allokati €200,000 għall-proġett tal-pixxina ma' Birżebbuġa ASC u madwar €1,200,000 għall-proġett taċ-ċentru ċiviku fi Triq Żaren Dalli.

**08.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ġbir ta' skart fi Triq G. Galizia. Huwa semma li l-ġbir ta' skart f'din it-triq ilu jaffaċċja numru ta' problemi għal diversi xhur u dan qed jikkawża inkonvenjent għar-residenti li jgħixu fit-tarf ta' din it-triq. Huwa staqsa jekk nistgħux inkunu infurmati dwar x'inhu jsir biex tiġi solvuta dil-problema u għaliex jidher li hemm diffikultà biex tinstab soluzzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li huwa infurmat li l-contracts manager għaddiet numru ta' rapporti uffiċjali nhar id-9 u t-23 ta' Novembru 2023 fuq l-imsemmi nuqqas lill-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, li hu responsabbli mill-ġbir tal-iskart.

**08.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-proġett ta' Wied il-Buni. Huwa semma li t-tender għal dan il-proġett kien inħareġ madwar sena ilu iżda ġie sospiż

u reġa' nħareġ f'April li għadda bid-data tal-għeluq tkun Ġunju 2024. Huwa semma li dan it-tender għadu ma ġiex attribwit għalhekk staqsa jekk għandniex xi informazzjoni dwar l-istadju li wasal fih dan it-tender, kif ukoll it-timelines ta' dan il-proġett. Is-Sindku Scott Camilleri wieġbu li sal-lum għadna mingħajr informazzjoni dwar l-istadju ta' dan it-tender. Huwa semma li l-Kunsill kien diġà għamel talba lill-ministru preċedenti għall-informazzjoni, però bqajna ma rċivejna xejn. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex issir talba mill-ġdid lill-ministru preżenti.

**08.05.04** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar ir-road markings. Hija xtaqet tkun taf meta se jsiru l-linji jew il-parkeġġi tal-muturi fi Triq Żaren Dalli, in-naħa ta' San Ġorġ. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dwar dawn il-linji se jiġi infurmat il-foreman sabiex isiru l-parkeġġi għall-muturi. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li l-parkeġġi ma ġewx miżbugħin qabel billi kienu għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet.

## 08.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**08.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Novembru 2024. Dan ġie approvat mill-kunsilliera kollha preżenti. Is-Sindku Scott Camilleri semma li fejn ikun hemm in-nuqqasijiet fix-xogħlijiet tal-kuntratturi tinħareġ notifika u mhux nistennew sakemm joħroġ ir-rapport.

## 08.07 Korrispondenza

**08.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna email mingħand kumpanija li tipproduċi mapep tal-lokalitajiet 3D. Il-kunsilliera qablu li jintalbu l-kwotazzjonijiet.

**08.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen b'talba għal permess sabiex nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju 2025, jingħalqu Misraħ San Ġorġ, Triq il-Bżulija, parti minn Triq il-Port Hieles, u parti minn Triq Sant'Anġlu sabiex tiġi organizzata wirja tal-karozzi. Il-ħinijiet se jkunu mis-07:00 sal-23:00 biex isiru l-preparamenti meħtieġa, filwaqt li l-attività se tibda fil-17:00 u tibqa' għaddejja sal-22:00. Din l-attività se tittella' b'risq Puttinu Cares. Il-kunsilliera preżenti ma sabux oġġezzjoni għal din l-attività u qablu li l-Kunsill jikkollabora fiha.

**08.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-perit bagħat il-block plan ta' Triq Tal-Ġebel minħabba l-bankina li hemm bir-rampi. Il-Kunsillier Alex Caruana spjega li hemm il-blokok tal-Gvern li dawn għandhom kollox aċċessibbli iżda persuna b'diżabilità ma tistax tidħol fil-ground floor. Huwa semma li kienu saru xi rampi tal-ħadid portable biex ikun hemm l-aċċessibilità iżda dawn xorta mhumiex kif suppost u qegħdin perikolużi. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li tkellem mal-perit tal-Awtorità tad-Djar kif ukoll mal-ministru responsabbli, fejn aċċettaw li l-Kunsill jagħmel il-pjanti. Dawn qablu li jħallsu l-ispiża kollha huma. Huwa semma wkoll li billi l-passaġġ huwa dejjaq, u għalhekk dan ġie perikoluż, se jkollu jsir railing it-tul kollu però xorta waħda se jkun hemm problema jekk xi ħadd jipparkja. Minn 3 għażliet li ssuġġerixxa l-perit, il-kunsilliera qablu li mmorru għat-3għażla: it-triq tiġi one-way sabiex titwessa' l-bankina mingħajr ma jintilfu parkeġġi.

**08.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li seduti ilu l-Kunsill irċieva petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Edwardu u Triq Alessandru minħabba l-binja tal-eks lido. Huwa

semma li l-Kunsill informa l-awtoritajiet b'din il-petizzjoni u li sal-lum għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier Alex Caruana talab li tintbagħat email lil BCA.

**08.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa għal talba ta' rimborż mir-Reġjun Nofsinhar għall-ammont ta' €522.26 għal servizz li ngħata mis-CPD fil-festa tal-lokal. Il-Kunsillier Alex Caruana ddikjara kunflitt t'interess. Il-kunsilliera preżenti approvaw din it-talba.

### 08.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**08.08.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-mozzjoni 04/24. Hu qal li daħlet mozzjoni mill-Kunsillier Alex Caruana, u sekondata mis-Sindku Scott Camilleri, dwar data marbuta ma' Jum Birżebbuġa. Il-kontenut ta' din il-mozzjoni jittratta dwar data fissa li trid tinsab viċin is-16 ta' Settembru, li skont riċerka li saret hemm miktub li l-Isqof Pietro Pace kien ħareġ digriet fejn informa lill-Arċidjoċesi kollha bit-twaqqif tal-parroċċa tagħna u l-konfini tagħha. Jum Birżebbuġa għandu jkun marbut ma' dan il-jum u li fih għandha ssir l-attività ta' Jum Birżebbuġa. Il-vot marbut ma' din il-mozzjoni kien hekk:

**Favur** 8 **Kontra** 0 **Astensjonijiet** 0

Fuq din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu.

### 08.09 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**08.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li f'pagament numru 17 għandu jiġi rimborżat għall-għodda li xtara għall-ħaddiema manwali. Il-Kunsilliera Maria Mifsud irrimarkat li għandha kunflitt t'interess f'pagament numru 6.

*Petty cash:*

**08.09.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsilliera Rohasia Zammit, u sekondata mill-Kunsillier Karel Zahra, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

### 08.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**08.10.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 14 ta' Jannar 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |